MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**GIANNINO CARUANA DEMAJO**

Seduta tat-23 ta' Frar, 2010

Citazzjoni Numru. 324/2008

**Saviour Portelli, Carmen Portelli, Maryanne Cini u Francis Portelli**

***versus***

**Sam Charles Aquilina**

F’din il-kawża l-atturi, wara li għamlu talbiet fuq il-meritu, talbu illi l-konvenut iħallas l-ispejjeż tal-kawża, fosthom dawk tal-ittra legali tat-13 ta’ Novembru 2007. B’nota tad-19 ta’ Frar 2010 l-atturi ċedew it-talbiet fil-meritu iżda zammew it-talba għall-ispejjeż. Billi dakinhar il-konvenut ma deherx, l-atturi ippreżentaw kapitoli għas-subizzjoni tiegħu. Il-qorti, wara li ordnat illi l-kapitoli jiġu siġillati mir-reġistatur, iddifferiet il-kawża għallum għas-subizzjoni tal-konvenut.

Illum il-konvenut baqa’ ma deherx, u l-qorti għalhekk ordnat illi l-kapitoli jinfetħu u jitqiesu ammessi u aċċettati

kif igħid u jrid l-art. 698 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.
Fuq ammissjoni tal-konvenut għalhekk, dan huwa debitur tal-atturi għall-ispejjeż kollha tal-kawża.
Il-qorti għalhekk taqta' l-kawża billi tikkundanna lill-konvenut iħallas l-ispejjeż kollha tal-kawża u dawk tal-ittra tat-13 ta' Novembru 2007.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM---------------------------------